# NIFIRĦU *

*Ta'* Ġorġ Pisani

Mill-qalba ta' Ruma ïnstemgħet sentenza
li ferrħet u qanqlet 'il-qlub tal-bnedmin:
semgħuha l-ġnus kollha dil-kelma tas-saħħa
u taw ħajr bi lsienhom lil Alla ħanin.

Snin kbar kienet ilha tistenna bla sabar
id-dinja dil-kelma mill-ogħla Ragħaj,
għalkemm ġewwa qalbha twemmin hekk imbierek
żammitu minn dejjem imkebbes u ħaj.

U waslet saflaħħar il-kelma ta' Ruma
mifruxa ma' l-ajru bajdani u blù:
"Marija Santissma fis-sema mgħollija
bir-ruħ u bil-ġisem bħal binha Ġesù".

Kif tixgħel u tħeġġeġ bin-nar qawwi tagħha
ix-xemx malli jisbaħ il-wiċċ tal-ħolqien,
hekk xegħlet u ħeġġet lill-ġnus kollha Nsara
l-aħbar ferreħija xħin ġriet kullimkien.

'Ma l-ebda ġens ieħor ma feraħ hekk tajjeb
xħin sama' mistagħġeb hedin l-aħbar kbira
daqs dan il-ġens ċkejken, ħabrieki bil-bosta,
li jgħix u li jgħammar fuq nitfa ta' gżira.

Minn mindu fuq xtutu kien tkisser il-mirkeb
li b'Pawlu ta' Tarso kien sejjer lejn Ruma
u tgħallem minn għandu dak l-għerf tal-kbir Alla
sakemm bid-dawl tiegħu sfat ruħu maħkuma,

issaħħar bil-fwieħa ta' dan il-misteru,
itgħaxxaq bil-benna u l-ġmiel ta' ħlewwietu,
imbagħ'd sar għal kollox bħal biċċa minn ħajtu,
intiseġ u ntrabat biż-żmien ma' ġrajjietu.

* Din il-poeżija nqrat fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-Oratorju Don Bosco, Għawdex, fil-21 ta' Novembru, 1950, taħt il-Presidenza ta' l-E.T. l-Isqof t'Għawdex, fl-okkażjoni tal-festi Djoċesani tad-Domma ta' l-Assunzjoni. U reġgħet inqrat nhar il-Ħadd, 26 ta' Novembru, quddiem eluf ta' nies, fil-Pjazza Ewlejja t'Għawdex meta, għat-tieni darba fl-istorja, reġa' nġieb fil-Belt Vittorja l-Kwadru Mirakuluż tal-Madonna ta' Pinu.

U l-ewwel tron sbejjaħ li waqqaf fil-gżira
kien tron lill-Assunta biex fuqu titgħolla
u biex jibqa' dejjem bħal mafkar ta' mħabba,
il-knisja ewlenija u omm l-oħrajn kollha.

U baqa' minn għandha jissellef il-ħila,
il-faraġ ta' qalbu u l-qawwa ta' drieghu
fil-ġranet imqallba, fil-ġranet imħawda
li jinsġu l-istorja sabiħa minn tiegħu.

Fiż-żmien meta l-Mislem, għajjur ta' l-Insara,
kien jaħqar u jifni lil dawn l-artijiet,
fejn marru n-nies tagħna jekk mhux għand l-Assunta
biex l-għadu jitbiegħed minn dawn ix-xtajtiet?

Fiż-żmien meta ż-żgħażagħ ta' Franza xewwiexa
żbarkaw f'dawn il-gżejjer bla ħoss ta' kanuni,
min kien ħlief l-Assunta li għenet lil niesna
biex magħhom jitqabdu bil-qawwa ta' ljuni?

U kienet l-Assunta l-omm tagħna ħanina
fil-ġranet tal-biża' tal-gwerra aħħarija
xħin l-għadu ried jifleġ lil dan il-ġens twajjeb
bil-ġuħ u bil-bombi tan-nar qerredija.

U kien nhar l-Assunta—ħmistax minn t'Awissu—
li waslu ġo nofsna saflaħħar l-iġfien,
mgħobbija bil-muna, għalkemm kellhom jaqsmu
imblokk l-iktar kiefer, miżgħud bin-nirien.

'Ma l-isbaħ turija ta' mħabba lejn ġensna
li tatna l-Assunta mal-medda tas-snin
rajnieha xħin għażlet ħa ssamma' leħenha
il-gżira maħbuba minn tagħna l-Għawdxin.

U tarrfet lil xebba tan-nisel minn tagħna
hedan il-misteru elf darba sabiħ
li Ruma llum stqarret bil-kelma nfallibli
quddiem folol jgħajtu ta' poplu ferrieħ.

Għalhekk il-ġens tagħna hu mkabbar bl-Assunta,
jiftaħar b'isimha, fil-għana, fit-talb,
fis-sengħa tal-kitba, fil-ħidma ta' l-arti,
kull fejn hemm turija tal-ħsieb u tal-qalb.

Għalhekk jagħti l-isem imqaddes minn tagħha
lil tant xbejbiet tagħna mistħija u rżini,
iżejjen b'isimha lid-djar, saħansitra
lid-dgħajjes qalbiena Għawdxin tal-latini.

Għalhekk l-isem tagħha jitnaqqax fil-ġebel,
jitpitter ġo l-oqsfa, lelliexi bħal stilla,
jintiseġ bis-sengħa fil-ħlewwa tar-rakkmu,
jinħadem b'imħabba fil-ħjut tal-bizzilla.

Għalhekk fl-għoljiet tagħna, fl-irħula, ġo l-oqsma,
kull fejn tiġri u timraħ ġo din l-art għawdxija
issib għandek rokna qed tħaddar u tfewwaħ
li ġġib l-isem ħelu ta' Santa Marija.

Għalhekk talbu 'l Ruma dal-ġieħ ta' l-Assunta
bil-kitba t'isimhom l-Għawdxin għalenija,
imġiba li qanqlet 'il-qalb tal-barrani
u stħoqqot kliem ħlejju ta' l-akbar foħrija.

M'hi xejn din il-gżira mingħajr ġmiel l-Assunta
għaliex minnha tiġbed in-nifs ta' saħħitha,
mingħajrha battala kull ħaġa li għandha,
battala l-istorja, battala ħajjitha.

Min qatt jista' jlumni jekk jien għal darb'oħra
nistqarr mingħajr biża' quddiemkom u ngħid
li l-iktar li ferrħet b'dil-ġrajja qaddisa
hi l-gżira maħbuba li tatni t-twelid?

Halluhom idoqqu lill-qniepen ta' Għawdex,
ħa tifraħ kull ħliqa fl-irħula, fl-ibliet,
ħa tperper il-bnadar minn fuq il-bjut kollha
bil-lewn abjad u aħmar, fin-nofs Tliet Għoljiet.

Dan hu jum ta' mħabba, dan hu jum ta' tama,
dan jum ta' vittorja, dan jum ta' tgawdija,
żerniq ta' żmien isbaħ, xemx ġdida ta' glorja,
trijonf t'Għawdex tagħna, trijonf ta' Marija.